MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 1758/2001/1

**Edith sive Maria mart Ronald Galea**

**v.**

**Joseph Degiorgio, Giovanni Saliba u b'digriet tal-25 ta' April 2002 l-imsemmi Joseph Degiorgio gie nominat kuratur biex jirraprezenta l-wirt tal-mejjet Giovanni Saliba biss limitatament pero` ghal dak li jirrigwarda l-interess guridiku li l-imsemmi Giovanni Saliba seta' kellu fil-kawza odjerna**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li tghid hekk:
“Peress li l-attrici hija bint adottiva tal-konvenut Giovanni Saliba u ta' martu Dolores, illum mejta u dana kif irrizulta mic-certifikat ta' l-adozzjoni mahrug mill-Ufficcju tar-Registru Pubbliku prezentat mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dokument A;

“Peress li ghall-bidu, skond il-procedura applikabbli ghal dak iz-zmien hija kienet moghtija b'affidament lill-konvenut u lil martu kif irrizulta mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Emanuele Agius tal-14 ta' Settembru 1945 prezentat mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dokument B, u sussegwentement, wara li kienet dahlet il-ligi li taghmel possibbli l-adozzjoni, allura l-attrici kienet giet debitament adottata u meqjusa bhala bint il-konvenut Giovanni Saliba u martu Dolores, illum mejta;

“Peress li l-istess konvenut u martu kienu lahqu ghamlu testment meta ma kenitx ghada sehhet l-adozzjoni, kopja ta' liema testment giet prezentata mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dokument C, u dan it-testment ma kienx gie mibdul minkejja li l-attrici kienet saret il-bint addottiva tal-konvenut u ta' martu permezz tal-adozzjoni;

“Peress illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tat-30 ta' April 1963, il-konvenut Giovanni Saliba kien akkwista l-utile-dominju temporanju tal-fond 3, St. Angelo Street, San Giljan u l-gnien anness ma' l-istess fond li kellu entratura minn bieb iehor bin-numru 51, Carmel Street, San Giljan u dana matul iz-zwieg tieghu ma’ martu Dolores Saliba, prezentat mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dokument D;

“Peress illi sussegwentement kien inbena fond iehor mezzanin fuq il-gnien akkwistat gewwa Carmel Street, numru 51, liema fond kien gie trasferit permezz ta' att iehor notarili tat-12 ta' Frar 1975, lil Raymond Galea li kien mizzewweg lill-attrici liema kuntratt kien gie prezentat mac-citazzjoni u mmarkata Dokument E;

“Peress illi bil-mewt ta' Dolores Saliba li grat fis-16 ta' Gunju 1982, l-attrici bhala l-uniku wild tal-konvenut u martu, kienet l-unika eredi ta' ommha l-imsemmija Dolores Saliba;

“Peress li wara l-mewt ta' martu, bi zball u b'nuqqas ta' osservanza tal-ligi, il-konvenut Giovanni Saliba kien haseb li seta' jittrasferixxi bhala werriet ta' martu l-immobbli, 3, St. Angelo Street, San Giljan, li huwa konness u jifforma parti integrali mill-fond 51, Carmel Street, San Giljan, li kienet id-dar matrimonjali tal-konjugi Saliba, meta fil-fatt dan ma setax jaghmlu stante li l-attrici kienet l-uniku wild tal-konjugi Saliba kienet wirtet sehem ommha Dolores Saliba;

“Peress li kien dan l-ahhar li l-attrici kienet saret taf li l-konvenut Giovanni Saliba kien ittrasferixxa sehmu u dak li kien sehem martu Dolores ta' l-imsemmi fond lill-konvenut l-iehor Joseph Degiorgio u dana permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Paul Pullicino tas-16 ta' Ottubru 1986 u dan meta hija kienet fil-pussess tal-immobbli u hekk kienet ghadha fil-fatt sal-lum peress illi dejjem qiset li kellha n-nofs indiviz tal-istess, provjenti mill-wirt ta' ommha adottiva;

“Peress li l-konvenut Joseph Degiorgio kien jaf b'tali cirkostanzi, u qatt ma dahal fil-pussess tal-immobbli;

“Peress li ghalhekk ghar-raguni premessi n-nofs indiviz tal-fond 3, St. Angelo Street, San Giljan u l-ambjenti li jaghmlu mieghu kienu proprjeta` ta' l-attrici kif soggett ghall-utile dominju temporanju.

“Jinghad mill-konvenuti ghala din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. tiddikjara li l-proprjeta` legittima ta' nofs indiviz tal-fond 3, St. Angelo Street, kantuniera ma' Carmel Street, San Giljan, kif soggetta ghall-utile dominju temporanju, u l-ambjenti li jaghmlu mieghu jappartjenu lill-attrici.

“2. tordna r-rilaxx fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat tal-pussess assolut u inkondizzjonat ta' l-istess proprjeta` favur l-attrici.

“3. tinnomina okkorrendo nutar biex jippubblika l-att opportun u kuraturi ghall-kontumaci fuq l-istess att.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Degiorgio (fol. 32) li in forza taghha eccepixxa
“1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda fl-interita` taghhom minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici stante li l-eccipjent xtara l-fond 3, St. Angelo Street, San Giljan, fl-interita` tieghu minghand Giovanni Saliba li kellu l-proprjeta` intera tal-fond.

“2. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri li jistghu jkunu kompetenti lill-eccipjent skond il-ligi.”

Rat li b’digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ April, 2002, il-konvenut Joseph Degiorgio inhatar kuratur biex jidher ghall-wirt battal tal-konvenut l-iehor Giovanni Saliba, li miet fil-mori ta’ din il-kawza, ghall-fini u limitatament ghal dak li kien jirrigwarda l-interess guridiku tieghu f’din il-kawza;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Joseph Degiorgio bhala kuratur ad litem sabiex jirrapprezenta l-wirt tal-mejjet Giovanni Saliba (fol. 41) li in forza taghha eccepixxa illi
“1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda fl-interita` taghhom minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici, stante n-nuqqas ta' interess guridiku ta' l-attrici peress illi hija eredi unika ta' Giovanni Saliba.

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda fl-interita` taghhom minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kollha kontra l-

istess attrici, stante illi bhala unika eredi ta' l-istess Giovanni Saliba l-attrici hija garanti, bil-beni taghha kollha prezenti u futuri, tal-pacifiku pussess tal-fond 3, St. Angelo Street, San Giljan a favur tal-konvenut Joseph Degiorgio.

“3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, fi kwalunkwe kaz l-attrici m'ghandha qatt tinghata l-pussess assolut u inkondizzjonat tal-fond 3, St. Angelo Street, San Giljan stante li kien Joseph Degiorgio li xtara l-istess fond.

“4. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri illi jistghu jkunu kompetenti lill-konvenut skond il-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ta’ Joseph Degiorgio (fol. 114) li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti bi preskrizzjoni decennali a tenur tal-Artikolu 845 (1) tal-Kodici Civili u dan stante li t-talba ghal wirt fuq sehem il-mejta Dolores Saliba, kienet giet intavolata hmistax-il sena wara l-mewt ta' l-istess Dolores Saliba.”

Rat it-tieni nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ta’ Joseph Degiorgio (fol. 141) li in forza taghha eccepixxa illi:
“Illi t-talbiet atturi huma preskritti bi preskrizzjoni decennali a tenur tal-artikolu 2140(1) u 2140(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;”

Rat is-sentenza in parte moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta’ Mejju, 2005, li in forza taghha cahdet kemm l-eccezzjoni (ulterjuri) tal-preskrizzjoni decennali bazata fuq l-Artikolu 2140, kif ukoll dik bazata fuq l-Artikolu 845, dejjem tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, spejjez kontra l-konvenuti;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Din is-sentenza hija limitata ghall-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u cioe` dawk tal-preskrizzjoni bazati fuq l-artikolu 2140 u 845 tal-Kap 16.

“B’referenza ghall-PRESKRIZZJONI DECENNALI ai termini ta’ l-artikolu 2140 jinghad li dan l-artikolu jghid hekk:

“(1) Kull min b'bona fidi u b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjetà, jipposjedi haga immobbli ghal zmien ta' ghaxar snin, jakkwista l-proprjetà taghha.

“(2) Jekk it-titolu jkun gej minn att li, skond il-ligi, ghandu jkun inskritt fir-Registru Pubbliku, iz-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni ma jibdiex miexi hlief mill-jum ta' l-iskrizzjoni ta' dak l-att.”

“Ghalhekk hu car li biex wiehed jakkwista l-proprjetà bazat fuq dan l-aspett irid:

“a. ikollu bona fidi
“b. ikollu titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjetà
“c. jippossjedi haga immobbli ghal zmien ta' ghaxar snin [liema pussess irid ikun kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku - sentenza tal-Onor Qorti tal-Appell Civili tad-19 ta’ Jannar, 1983 fl-ismijiet **Kan Giuseppi Zammit vs Carmela Bonello**].

“Ara f'dan is-sens **Giuseppe Aquilina vs Concetta Portanier** - Appell Civili Superjuri 8 ta' Novembru 1922 XXV-I-257 fejn insibu:

““Che come e' notorio si puo` acquistare la propieta` con la prescrizione mediante un possesso continuo, non interrotto, pacifico, pubblico e non equivoco per un tempo determinato dalla legge, ed il possessore di buona fede per un titolo atto a trasferire la propieta' prescrive un immobile in dieci anni. E' anche noto che il possesso si acquista mediante il concorso dei due elementi che lo costituiscono, <del corpus> cioe` e dell' <animus>, e come il <corpus> deve essere accompagnato dall' <animus> cosi' l'<animus> dall' <corpus> che e' importante a far acquistare il possesso, e quindi chi ha comminciato a possedere in una data maniera non puo' per solo atto della sua volonta` dar vita ad un possesso di diversa natura."

“Dwar l-ewwel element u cioe` dak tal bona fidi fil-kawza deciza mill-Onor Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet **Ester Degabriele et vs Joseph Rocco** fis-26 ta’ Frar 1965 [XLIX-I-238] jinghad:

““Fil-ligi taghna l-buona fede mhux bizzejjed li tkun tezisti fil-mument tal-akkwist izda jehtieg li tissussisti matul il-perijodu kollu rikjest ghall-preskrizzjoni…”

“Il-Pothier jiddefinixxi l-***buona fede*** b’dawn il-kliem:

““La giusta opinione del possessore di aver auquistata la propieta’ della cosa che possiede” [Prescriz No 28]”.

“Il-Voet jasserixxi li:

““il possessore deve avere la ferma fiducia di essere propietario della cosa”  [XLI.III.6]”.

“Ara f’dan is-sens is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili deciza fid-19 ta’ Novembru 1935 fil-kawza fl-ismijiet **Abela noe vs DeDomenico et** [XXIX.II.778).  Fis-sentenza tal-Onor Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri tat-28 ta’ Marzu, 1955 fl-ismijiet **Borg vs Zammit** [XXXIX-I-139] intqal:

““il-buona fede tirrapprezenta dak l-istat ta’ animu tal-possessur, il-koxjenza u l-intima konvinzjoni tieghu li l-haga lijipposjedi hi tieghu: *‘cum crediderit cum dominum esse’*.  Il-possessur ghandu jkollu dik ic-certezza; u jekk ikollu xi dubbju, tkun tezisti fih l-incertezza u konsegwentement tispicca il-buona fede fis-sens tal-ligi.”

“Fil-kawza deciza fil-21 ta’ Jannar 1977 mill-Onor Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri fil-kawza fl-ismijiet **Ganna Grima vs Giuseppe Camilleri** gew enuncjati d-diversi artikoli applikabli u ntqal li:

““(I)  huwa possessur ta’ bona fide min, ghal motivi verosimili, jemmen li l-haga li jippossjedi hija tieghu u li, invece, huwa possessur ta’ mala fidi min jaf jew, fic-

cirkostanzi, ghandu jipprezumi li dik il-haga mhix tieghu [artikolu 568 (illum 531) tal-Kodici Civili];

"(II) li l-bona fidi hija presunta u l-malafede jinhtiegilha tigi ppruvata min min jallegaha [artikolu 569 (illum 532) tal-Kodici Civili];

"(III) …li l-bona fide hija rikjesta mhux biss fil-mument tal-akkwist, imma matul iz-zmien kollu mehtieg ghal kompiment tal-preskrizzjoni…

"(IV) …l-eventwali mala fede tal-possessur precedenti ma tippregudikax lis-successur tieghu [artikolu 2247(1) (illum 2142) tal-Kodici Civili] u lanqas tiggjovah fis-sens tas-subartikolu 2 ta' l-istess artikolu…"

"Ghalhekk il-bona fidi hija presunta u tibqa' tezisti sakemm ma ssirx prova kuntrarja. Infatti l-artikolu 532 tal-Kap. 16 jghid hekk:

""Ghandu dejjem jinghadd li wiehed huwa bona fidi, u min jeccepixxi l-mala fidi ghandu jippruvaha."

"Ara wkoll Appell Civili Superjuri tal-21 ta' Jannar, 1977 fil-kawza fl-ismijiet **Grima et vs Camilleri et**.

"Jinghad ukoll li din il-fehma trid titqies minn kif ic-cirkostanzi kienu jidhru f'ghajnejn il-persuna li teccepixxi favuriha l-preskrizzjoni akkwizittiva. Kull dubju f'persuna dwar il-pussess taghha tal-haga jitqies bhala nuqqas tal-bona fidi.

"Ara wkoll Fenech vs Debono deciza 14 ta' Mejju, 1935 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili [Imh W Harding] [XXIX-II-488] dwar l-***animo domini*** u l-artikolu 1904 tal-Ordinanza VII tal-1968, li wara sar l-artikolu 2245 tar-Revised Edition, u llum hu l-artikolu 2140.

"Ara wkoll:

"Pulis vs Ellul PA 30/11/35 XXIX-II-812
"Bonello vs Bruno Olivier 22/10/37 XXIX-II-1249

“Gauci vs Cassar PA 20/1/61 XLV-II-533
“Spiteri vs Saliba 2/3/62 XLVI-I-160
“Formosa Gauci vs Xuereb: Kum Imh Refalo 17/1/75

“Huwa necessarju illi l-bona fidi, flimkien mal-pussess tkun prezenti tul iz-zmien kollu li huwa mehtieg ghall-preskrizzjoni (Art. 2141 tal-Kap. 16). In-nuqqas ta’ bona fidi ta’ possessur precedenti m’hijiex ta’ hsara ghas-successur tieghu, ghalkemm iz-zmien tal-pussess b’mala fidi ma jigix kalkolat maz-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni (Art. 2142(1)(2) tal-Kap. 16.

Illi l-element iehor mehtieg biex tigi ppruvata l-preskrizzjoni tal-ghaxar snin huwa l-pussess. Fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili deciza fl-20 ta’ Jannar 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Gauci vs Cassar et** [XLV.II.533) intqal li mhux kull pussess jghodd ghas-success tal-preskrizzjoni eccepita: irid ikun pussess ghal ghaxar snin u li ma jaqtax, bil-miftuh, bla xkiel jew kundizzjonijiet minn haddiehor u, fuq kollox, irid ikun b’mod li l-pussessur jidher li qieghed izomm il-haga b’tieghu. Meta dan jigi ppruvat il-possessur tal-fond jista’ jirrezisti t-talba ta’ min jallega li hu mhux propjetarju tal-fond billi jeccepixxi l-preskrizzjoni decennali.

“Illi fil-kaz in ezami ma jirrizultax li l-konvenut qatt kellu l-pussess tal-fond mertu tal-kawza odjerna. Hu car li jekk il-konvenuti qeghdin jeccepixxi l-preskrizzjoni bazata fuq dan l-artikolu jinkombi fuqhom li jaghmlu provi dwar dawn l-elementi. Ghalhekk kien jispetta lill-konvenuti li ssollevaw din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni decennali li jipprovaw dawk l-elementi. Irrizulta car li l-pussess tal-fond ***de quo*** kien f’ idejn Giovanni Saliba u ghalhekk Joseph Degiorgio personalment zgur li ma setax jippreskrivi favur tieghu l-preskrizzjoni decennali. Huwa veru li Joseph Degiorgio b’digriet tal-25 ta’ April 2002 gie nominat biex jirrapprezenta l-wirt tal-mejjet Giovanni Saliba limitatament ghal dak li jirrigwarda l-interess guridiku tal-imsemmi Giovanni Saliba, liema Giovanni Saliba huwa wiehed mill-konvenuti, izda xorta wahda jibqa’ li ghalkemm l-imsemmi Degiorgio fil-kwalita` tieghu ta’ kuratur issolleva l-preskrizzjoni decennali hu personali

qatt ma kellu l-pussess rikjest mil-ligi. Dan il-pussess ried ikun kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku u fil-kaz in ezami certament li tali pussess ma ezistiex.

“Ukoll il-konvenuti eccepew il-PRESKRIZZJONI DECENNALI ai termini tal-artikolu 845 (1) tal-Kodici Civili li jghid:

““L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew legittima, jew is-sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal illegittimi jew lil zewg jew mart il-mejjet, sew fis-successjonijiet b' testment kemm ukoll b'dawk ab intestato, tispicca bl-eghluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni".

“Fil-kawza odjerna din l-eccezzjoni qeghda ssir b' referenza ghas-sehem ta' omm l-attrici, u cioe` Dolores Saliba li mietet fis-16 ta' Gunju 1982. Hu evidenti li ghaddew iktar minn ghaxar snin sakemm l-attrici istitwiet din il-kawza, u kwindi ***prima facie***, jista’ jkun li l-ghaxar snin ghaddew. Izda, jehtieg li l-Qorti taghmel ezami approfondit tal-principji legali in kwistjoni anke fid-dawl tal-gurisprudenza nostrana.

“Illi mhux ikkontestat, li minn meta nfethet is-successjoni tal-konjugi Giovanna u martu Dolores Saliba, sad-data li giet istitwita din il-kawza ghadda zmien twil, iktar minn ghaxar snin li jissemmew fl-artikolu citat hawn fuq. Il-gurisprudenza, f' dil-materja hija wahda kostanti fejn gie ritenut li din il-preskrizzjoni hija wahda akwizittiva u ghalhekk, irid jirrizulta mhux biss l-element passiv taz-zmien izda wkoll l-element attiv tal-pussess. (ara kawza fl-ismijiet **Charles Buttigieg et vs Yvonne Formosa et** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fl-1 ta' Ottubru 2003.

“Fil-kawza fl-ismijiet **Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et** deciza mill-Qorti ta' L-Appell fid-29 ta' Jannar 1954, inghad illi:

““Il-preskrizzjoni decennali li tolqot l-azzjoni maghrufa bhala "**petitio hereditatis**" biex jintalab wirt jew legat, jew sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal jew lill-konjugi, tant fis-

successjoni testata, kemm f'dik intestata hija preskrizzjoni akkwizittiva......"

"Ghaldaqstant, barra mill-element passiv taz-zmien, hemm bzonn li jigi ppruvat ukoll l-element attiv tal-pussess. U dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kawzali, izda jrid ikun pussess formali, jigifieri kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta`, konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess "di diritto".

"L-imsemmija sentenza tkompli hekk:

""Il-pussess ta' l-uzurpatur irid ikun ghalhekk, kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, kif ukoll "animo domini". Dan il-pussess ghandu jigi ppruvat b' mod infrangibbli, tant ghar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni".

"Illi fil-kaz in ezami qieghed jinghad mill-konvenut li l-atturi messhom fethu din il-kawza fi zmien ghaxar (10) snin minn mindu sar il-bejgh tal-fond in kwistjoni minn Giovanni Saliba fis-16 ta' Ottubru 1986, peress li dan jaqa' sewwa sew f' dak li jipprovdi l-artikolu 845 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi Giovanni Saliba kien innominat bhala l-uniku eredi ta' l-imsemmija Dolores Saliba, u dan permezz tat-testment ***unica charta*** li huma kienu ghamlu datat 28 ta' Ottubru 1959 (a fol. 11-15).

"Irrizulta li Giovanni Saliba kellu l-pussess tal-fond in kwistjoni li kienu parti mill-beni tal-konjugi Saliba. F'dan il-kuntest, hija relevanti x-xhieda tan-Nutar Paul Pullicino li qal hekk:

""Fil-fatt, dan il-post kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti tal-venditur u martu kif jirrizulta mill-provenjenzi....... ma kienx irrizultali li dawn it-tnejn min-nies kellhom tifla li kienet adottata. Inzid nghid, li jien ma niftakarx pero` ma jidhirlix li l-venditur kien qalli dwar dan

il- fatt. Nimmagina li kieku kien qalli jien kont indahhalu dan il-fatt b' xi mod fil-kuntratt."

“Fid-dawl ta' dan, il-Qorti mhix konvinta li l-pussess gie ppruvat bil-mod kif trid il-ligi, liema prova tirrigwarda l-fatt tal-pussess, kif ukoll, il-kwalitajiet jew il-karattri li jrid ikollu dak il-pussess kif inghad fis-sentenza diga ikkwotata hawn fuq fl-ismijiet **Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et**.

“Difatti l-pussess bhala fatt, mhux sufficjenti biex johloq id-dritt tal-proprjeta`, izda jrid ikun tali, fi kliem **Laurent** "che annunzi coi suoi caratteri che il possessore intende essere il-proprietario, e che agisce come tale”. (Diritto Civile Vol XXXII para. 274). Del resto, kif jinnota **Baudry**, "tutte le condizioni enumerate nell' articolo 2229 tendono a denunciare al vero proprietario l' usurpazione che e stata commessa, ed a metterlo in grado di respingerla". (Prescrizione para.238). Il-karattri fuq migjuba tal-pussess legittimu huma kwindi, kif jikkonkludi **Laurent**, "una garanzia per la proprieta` contro l' usurpazione".

“Illi l-prova ta’ dan il-pussess bhala wiehed mill-elementi indispensabbli tal-preskrizzjoni akkwizittiva, tinkombi lil min jivoka l-istess preskrizzjoni u fil-kaz in ezami lill-konvenut Joseph Degiorgio. Illi ma jirrizultax li huwa gab ebda prova fir-rigward ta’ l-elementi necessarji rigwardanti l-pussess.

“Huwa importanti wkoll li wiehed irid jaghraf bejn azzjoni ghas-sehem fil-wirt [***Petitio hereditatis***] u azzjoni dwar gid li kien jaghmel minn wirt. Illi huwa minnu li mhux kull azzjoni li tirrigwarda gid li gej minn wirt taqa’ taht iz-zmien preskrittiv tal-artikolu 845. (ara kawza fl-ismijiet **Josephine Borg et vs Joseph Bianco** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fit-23 ta' Jannar 2003.

“Izda jehtieg li jkun hemm ir-rekwiziti essenzjali kollha, u dan skond il-principji legali diga msemmija. Il-principju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawzi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, ghaz-zmien ta' ghaxar snin ikun zamm f' idejh bhala sid il-gid tal-wirt

jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrieh l-azzjoni ereditarja".

“Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u fic-cirkostanzi kollha ta' fatti u tad-dritt, il-Qorti waslet ghall-fehma li l-konvenut ma gabx il-provi necessarji biex jipprova l-elementi kollha necessarji ghall-preskrizzjoni. Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq il-bazi tal-artikolu 845 tal-Kap 16.”

Rat li fl-udjenza tas-6 ta’ Gunju, 2006 (dejjem quddiem l-ewwel Qorti, fol. 193), il-konvenut Degiorgio eccepixxa ulterjorment li l-azzjoni odjerna ddekadiet bil-preskrizzjoni ta’ sentejn a tenur tal-Artikoli 1222 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza finali moghtija mill-ewwel Qorti fl-20 ta’ Novembru, 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
“Ghal dawn il-motivi tirreferi ghal dak li kien intqal fis-sentenza taghha tat-18 ta’ Mejju, 2005 li biha l-qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni decennali bazata fuq l-artikolu 2140;

“Tirreferi ghal dak li intqal fis-sentenza taghha imsemmija tat-18 ta’ Mejju, 2005 fejn il-qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni decennali bazata fuq l-artikolu 845 tal-Kap 16;

“Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’ sentejn dwar rexxissjoni ghal motivi fuq imsemmija;

“Tichad l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ interess guridiku tal-attrici ghal motivi fuq imsemmija;

“Dwar l-eccezzjoni bazata fuq il-garanzija tal-pacifiku pussess, tirreferi ghal dak li intqal dwar l-istituzzjoni ta’ kawza ***ad hoc*** da parti tal-konvenut Joseph Degiorgio jekk jidhirlu opportun; u ghalhekk anke din l-eccezzjoni giet michuda;

“Dwar it-talba attrici peress li tidher gustifikata kif spjegat hawn fuq tilqa’ t-talba; tiddikjara lill-attrici bhala propjetarja ta' nofs indiviz tal-fond 3, St. Angelo Street, kantuniera ma' Carmel Street, San Giljan, kif soggetta ghall-utile dominju temporanju, u l-ambjenti li jaghmlu mieghu;

“Tordna l-konsegwenti r-rilaxx fi zmien xahrejn tal-pussess assolut u inkondizzjonat ta' l-istess proprjeta` favur l-attrici;

“Tinnomina lin-Nutar Dr Tonio Spiteri biex jippubblika l-att opportun u lil Dr Pierre Lofaro bhala kuratur ghall-kontumaci fuq l-istess att.

“Salv dejjem id-dritt tal-konvenut li jistitwixxi l-proceduri opportuni.

“Spejjez kontra l-konvenut Joseph Degiorgio.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Fis-seduta tas-6 ta’ Gunju 2006 il-konvenut Degiorgio eccepixxa ulterjorment li l-azzjoni odjerna ddekadiet bil-preskrizzjoni ta’ sentejn a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

““**1222.** (1) Meta l-ligi f’xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta’ interdizzjoni, jew nuqqas ta’ età, taqa’ bil-preskrizzjoni eghluq sentejn.

“(2) Dan ighodd ukoll ghar-rexxissjoni ta’ obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza.”

“Wara li Dr Debono semma din l-eccezzjoni b’ebda mod ma ghamel provi jew noti fuqha. Izda l-Qorti ghandha d-dover li tezamina u tippronunzja fuqha la saret. Fil-kawza deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell Civili Superjuri fid-19 ta’ Novembru, 2001 fl-ismijiet **Gourment Company Limited et vs Vella Mariano** l-atturi talbu dikjarazzjoni ta' nullita`

ta' skrittura ta' lokazzjoni ghaliex allegatament vizzjata bi zball, vjolenza u ghemil doluz. Il-Qorti ta' l-Appell, filwaqt illi kkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u cahdet it-talba attrici, enfasizzat l-aspett legali. L-iskritturi li jikkreaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti jigi prezunt illi huma validi u fedelment jirriflettu l-volonta` kontrattwali taghhom. Min jadduci l-kontra u jadduci l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizzjat tali kunsens, biex jirnexxi fl-azzjoni, ghandu jipproduci provi univoci, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu, haga li rriteniet il-Qorti ta' l-Appell l-appellanti certament ma ghamlux.

“Fil-kawza deciza fit-2 ta’ Novembru 1990 mill-Qorti tal-Kummerc [I. G. Mifsud Bonnici] fl-ismijiet **Carmel Vella vs Rosalie Mifsud nomine** intqal:

““F'kaz fejn il-kumpratur induna wara hames snin li l-karozza li xtara kienet giet manifatturata tlitt snin qabel ma xtraha, u baqa' juzaha anke wara li induna b'dan ghal perijodu ta' sena u nofs, hu irrinunzja tacitament ghad-dritt tieghu li jirritorna l-vettura u jiehu lura l-prezz imhallas. B'dan l-agir kien qieghed jaccetta l-beneficcju tal-kuntratt u l-agir tieghu ta x'jifhem li ma kellux f'mohhu li jhassar il-kuntratt. Persuna li trid thassar kuntratt ghandha tkun fil-pozizzjoni li tirritorna l-oggett fi stat li kien meta nxtara, jew alternattivament wara li tinduna bid-difett.”

“Ukoll fil-kawza deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-28 ta’ Frar 1997 fl-ismijiet **George Bonnici nomine vs Ronald Camilleri** intqal li kuntratt li ndahal fih minorenni jista' jigi ratifikat tacitament mill-minorenni stess jekk meta jottjeni l-kapacita' legali ma jikkontestax dan fiz-zmien preskritt mill-ligi.

“Izda meta wiehed jezamina sewwa t-talbiet attrici dawn mhux diretti bhala azzjoni <u>ghar-rexxissjoni</u> minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta’ interdizzjoni, jew nuqqas ta’ età. L-argument tal-attrici hu iehor u ma jinkwadrax f’dan l-artikolu. It-talba tal-attrici hi ghal dikjarazzjoni li l-proprjeta` ta' nofs indiviz tal-fond 3, St.

Angelo Street, kantuniera ma' Carmel Street, San Giljan, kif soggetta ghall-utile dominju temporanju, u l-ambjenti li jaghmlu mieghu jappartjenu lill-attrici. Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

“Lanqas huwa minnu li l-konvenut Joseph Degiorgio kien xtara l-fond 3, St. Angelo Street, San Giljan, fl-interita` tieghu minghand Giovanni Saliba li kellu l-proprjeta` intera tal-fond. Giovanni Saliba kellu nofs u mhux l-interita`.

“***<u>Il- Nuqqas ta’ Interess Guridiku ta’ l-attrici</u>***

“Izda Joseph Degiorgio bhala kuratur ***ad litem*** sabiex jirrapprezenta l-wirt tal-mejjet Giovanni Saliba eccepixxa n-nuqqas ta’ interess guridiku ta’ l-attrici peress li hija kienet eredi unika ta’ Giovanni Saliba. Sostna li bhala unika eredi ta’ l-istess Giovanni Saliba l-attrici kienet garanti, bil-beni taghha kollha prezenti u futuri, tal-pacifiku pussess tal-fond 3, St. Angelo Street, San Giljan a favur tal-konvenut Joseph Degiorgio.

“Din il-Qorti fit-18 ta’ Jannar, 2006 fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Laferla Insurance Agency Limited vs Brian Mallia** dwar l-interess guridiku qalet:

““Fil-kawza fl-ismijiet **Giulia Maria Millard vs George Said et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista’ jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista’ tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.”

“Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu pro et nominee** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Superjuri fit-28 ta’ Frar, 1997 [LXXXI - 11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-

pregudizzju allegatement subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.

“Fil-kawza fl-ismijiet **Elizabeth Grech vs Carmela Vella** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-14 ta’ Marzu, 1984 riferibbilment ghal kaz ta’ kostruzzjoni ta’ opramorta sosniet li din hija servitu` legali maghmula favur il-fond li jbati l-introspezzjoni u mhux favur il-persuna li tghammar fil-fond ghalkemm l-iskop huwa li jigi eliminat l-inkonvenjent ta' din il-persuna. Dan l-interess huwa l-mizura ta' l-azzjoni u jrid ikun guridiku cioe` l-interess li l-attur ghandu li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob. Dan l-interess irid ikun anke legittimu, jigifieri konformi ghad-dritt; u jekk dan ikun biss interess u mhux anke dritt, l-azzjoni ma treggix. Dan id-dritt ghandu jkun fil-konfront tal-konvenut. Ghalhekk il-Qorti zammet li l-attrici bhala persuna li tghix fil-fond dominanti jista' jkollha interess li l-konvenut itella' l-opramorta izda ma ghandhiex dritt li tikkostringieh itella’ l-opramorta u ghalhekk jonqos fiha l-interess guridiku rikjest mill-ligi beix tipproponi din l-istanza.

“Fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet **Agatha Formosa Gauci vs Dr. Francis Lanfranco** deciza fit-28 ta’ Novembru 2003 il-Qorti kienet qalet:

““Mid-diversi decizjonijiet imsemmijin fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-ewwel grad jemergu kjarament, is-segwenti principji li ghandhom, fil-fehma anki ta’ din il-Qorti, iservu ta’ gwida li fuqhom ghandha timxi Qorti biex tirrizolvi vertenza ta’ din ix-xorta.”

“Dawn il-principji huma s-segwenti:

“(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali.

“(ii) l-istat attwali ta’ ksur ta’ jedd jikkonsisti f’kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;

"(iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmulha kontriha.

"(iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi.

"(v) l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza;

"(vi) l-interess ta' l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;

"(vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista' jippromuovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament. Madankollu, f'kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' ssir aktar 'l quddiem;

"(viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku.
"(ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur,tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda illegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda acta ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg."

“Fil-kawza fl-ismijiet **Philip Ransley et vs Emmanuel Coleiro et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri fid-29 ta’ Jannar, 1997 [LXXXI-II-250] il-Qorti sostniet li skond il-gurisprudenza huwa ormai pacifiku li l-interess guridiku ghandu jkun attwali, jigifieri li ghandu jkun jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni u li jkun konkret, personali u sussistenti di fronte ghall-konvenut maghzul bhala legittimu kontradittur tad-domanda ghaliex anke ghall-konvenut l-interess huwa l-mizura tal-eccezzjoni. Ir-rapport guridiku li jista' jaghti lok ghall-azzjoni mhux necessarjament ikun kontrattwali izda tista' temani wkoll ex lege.

“Fil-kawza fl-ismijiet **Ignazio Gatt vs Michael Debono et** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-12 ta’ Dicembru, 1983 [LXVII-I-II-250] inghad li ghad li fil-ligi taghna ma hemmx ebda disposizzjoni ***ad hoc*** dwar l-interess guridiku bhalma hemm f'kodicijiet ohra bhal dak Taljan, eppure l-istess principji dejjem gew affermati mill-Qrati taghhna. Dan l-interess m’ghandux ikun ipotetiku imma jrid ikun konkret u sussistenti di fronte ghal dak li jigi maghzul mill-attur bhala kontradittur legittimu. Fis-sistema taghna mhumiex ipprojbiti domandi diretti ghall-otteniment ta’ dikjarazzjonijiet preordinati ghal domanda ohra definittiva u finali avolja din id-domanda ma tkunx dedotta in gudizzju. Izda hemm bzonn li l-Qorti tkun perzwaza li hemm dak l-interess anke pre-ordinat ghal kawza ohra, u li dik id-dikjarazzjoni hekk ottenuta tkun tifforma l-bazi ta' kawza ohra li ssir fil-futur.

“Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cachia nominee vs Paul Zammit et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc [Imh. J. D. Camilleri ] fit-2 ta’ Marzu, 1989 il-Qorti kellha kaz fejn il-kontendenti flimkien ma' terzi persuni li mhux fil-kawza kienu jippartecipaw f'consortium ghad-distribuzzjoni ta' certu frott u fil-kors ta' l-operazzjoni fethu kont komuni mal-Mid-Med Bank Limited. Gie eccepit illi kienu qed jagixxu in rappresentanza tal-kontijiet bankarji. Il-Qorti kkonkludiet illi l-atturi kienu qed jagixxu fil-vesti taghhom bhala kompartecipi fil-kontijiet biex jikkawtelaw l-allegati drittijiet taghhom. Kull kompartecipi

ghandu dritt li jesigi l-komproprjetarju inadempjenti jottempra ruhu ma' l-obbligi li jkun assuma.

"Fil-kawza **Pietro Paolo Borg vs Giuseppe Caruana** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri deciza fit-3 ta' Dicembru, 1984 il-Qorti sostniet li l-interess huwa l-mizura ta' l-azzjoni u huwa rekwizit indispensabbli ghall-proponibilita` ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' gurisdizzjoni kontenzjuza. Dan ghandu jirrizulta mic-citazzjoni izda f'dan il-kaz hareg car li l-attur ma kien ser jippercepixxi l-ebda utilita` fl-impunjazzjoni ta' testment.

"Illi l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-konvenut jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta' l-istess attur u li fih innifsu, johloq il-htiega tal-vertenza. Ghalhekk, dan igib mieghu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa nteress guridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna ghandha, jigifieri li titlob, li fil-konfront taghha jsir haqq jew li tigi msewwija ingustizzja maghmula fil-konfront taghha. [ara **Farrugia et vs Buhagiar** Appell Kummercjali deciz fit-2 ta' April 1993]. Sabiex jintwera nteress guridiku, l-interess irid ikun dirett, legittimu u kif ukoll attwali, u jrid johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun misthoqq. [ara **Anna Attard et noe. vs Rev. Patri Serafin Abela noe. et** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-12 ta' Dicembru 2001].

"Rekwizit essenzjali ta' l-interess guridiku jehtieg li jkun attwali hekk kif jiddefinieh il-**Mortara** li jghid li l-interess guridiku huwa "l'utilita` finale della domanda gudiziale nel tema dell'asserita ezistenza e violazione del diritto." Hekk kif gie deciz fil-kawza **Albert Calleja vs Orazio Micallef,** Appell Civili deciz fl-1 ta' April 1992:

""Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz, jew utli ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat jew sentenza ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta."

"(Ara wkoll **Michelangelo Bond vs Carmelo Mangion et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Mejju 1991).

“L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta’ l-atturi. (**Mattirolo** Vol. I pag.50; **Mortara** VolI p.588;). Il- **Mattirolo** f’dan ir-rigward jispjega illi

““L’azione compete soltanto e tutela dei diritti; l’interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d’altro pregudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` ‘injuria datum’, se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.”

“Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta’ l-azzjoni.

“Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f’somma determinata ta’ flus jew gid, u jista’ jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara **Axiaq vs Mizzi noe et** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta’ Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey,** Appell Civili deciz fil-15 ta’ Dicembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin,** Prim Awla Qorti Civili deciz fit-28 ta’ Marzu 2003).

“Dan il-principju gie ribadit fil-kawza **Falzon Sant Manduca vs Weale,** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta’ l-attur, izda dan l-interess m’hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f’valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fejn la tista’ tirbah il-kawza u lanqas tista’ tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. [ara **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-18 ta’ Mejju 1995].

“Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista’ jghid li l-interess guridiku:

- “irid jkun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta’ jedd u jibqa’ jezisti fil-kors kollu tal-kawza].

- “irid ikun dirett.

- “irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta’ l-attur, u mhux biss interess].

- “irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob].

- “l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta’ vantagg u utilita`.

- “ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur.

- “l-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.

- “irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatement subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.

- “ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista’ jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv.

“Hu ovvju li l-attrici fil-kaz odjern ghandha interess attwali li kien jezisti meta giet proposta l-kawza; dan l-interess huwa wiehed dirett, legittimu, u guridiku. Jekk tirbah il-kawza l-azzjoni sejra twassal lill-attrici ghall-otteniment ta’ vantagg u utilita`. Ukoll hemm ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u l-pregudizzju allegatement subit mill-attrici konsegwenzjali ghal tali agir. Dan iwassal biex il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ interess guridiku tal-attrici.

“***<u>III – Garanzija tal-Pacifiku Pussess</u>***

“Illi l-artikolu 1409 tal-Kap 16 jiddisponi:

“Ghalkemm fil-kuntratt ta’ bejgh ma tkunx giet miftehma l-garanzija, il-bejjiegh ghandu ***‘de jure’*** jaghmel tajjeb lix-xerrej ghall-evizjoni li ttelfu l-haga mibjugha, kollha jew bicca minnha. U ghas-servitujiet u pizijiet li haddiehor jippretendi fuq dik il-haga, u li ma tkunx imsemmija fil-kuntratt.”

“Illi l-effett ta’ din il-garanzija huwa li l-kumpratur ikollu protezzjoni mill-atti stess tal-venditur u wkoll mill-atti ta’ terza persuna li jnaqqsulu l-godiment reali jew dritt ta’ proprjeta` fuq l-oggett in vendita`. U fil-fatt, jista’ jinghad li din il-garanzija intrinsika mal-kuntratt ta’ bejgh, fejn anke jekk ma hemmx ftehim specifiku, l-istess venditur huwa obbligat jaghti din il-garanzija minima ghaliex huwa jobbliga ruhu li jittrasferixxi lill-kumpratur id-drittijiet kollha li tali dritt ta’ proprjeta` fuq l-oggett in vendita jimporta. Fil-fatt, fil-kaz **Kaptan Arthur Gordon vs Don Giuseppe Zammit Falzon,** Appell Civili deciz fis-16 ta’ Dicembru 1921, inghad:

““Onde e` che secondo l-articolo 1123 (illum l-articolo 1409) di detta Ordinanza non e` necessaria un espressa stipulazione perche` il venditore sia tenuto a garantire l-acquiriente da qualsiasi evizione.”

“Fil-kaz in ezami, hemm espressament stipulat fil-kuntratt tal-bejgh li sar datat 16 ta’ Ottubru 1986 kif gie enuncjat hawn fuq. Illi fil-fatt, il-**Pacifici Mazzoni** fil-Codice Civile Italiano jafferma li tali garanzija timporta:

“"l’obbligazione di garanzia relattiva al pacifico possesso l pel caso di evizione riguarda il-fatto proprio del venditore e il-fatto altrui”,

“b’ dan li fl-ewwel lok:

““il venditore medesimo deve astenersi da ogni fatto o pretesa che turberebbe il-possesso del compratore o lo priverebbe dei vantaggi si quali questi ha diritto, considerando la destinazione della cosa comprata , e lo stato in cui si trovava al momento della vendita. Egli infatti nel vendere la cosa sua si privo` di ogni diritto sulla medesima per trasferirlo al compratore.”

“Illi fit-tieni lok, l-obbligazzjoni tal-venditur tikkonsisti f'li huwa:

““e` tenuto ad assumere le difese del compratore contro le turbative che terze persone gli arrecchino, impedendogli sia di entrare in possesso della cosa comprata, sia di esercitare una servitu, o promovendo contro di lui domande giudiziali in base a cause anteriore alla vendita.”

“Illi l-obbligi tal-venditur naxxenti mill-garanzija tal-pacifiku pussess tal-haga mibjugha, huwa specifikat fl-artikolu 1378 ***et sequitur*** tal-Kap 16, liema artikoli jikkontemplaw ukoll ir-rimedji partikolarili ghandu l-kumpratur f'kaz ta' ksur ta' xi wiehed minn dawn l-obbligi. Illi gie ribadit kemm il-darba fil-gurisprudenza nostrana li din il-garanzija tal-pacifiku pussess hija ta' massima importanza:

““Il-garanzija tal-pacifiku pussess ma tistax tigi llum limitata semplicement ghat-theddida ta' evizjoni minhabba difett fit-titolu imma kellha tigi estiza wkoll ghat-theddida ta' evizjoni forzata minn Awtorita` kompetenti.”

“(Ara **Brinx Ltd. vs Francis Said et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru 2005, u **Adam Galea et vs Tarcisio Calleja et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju 2001).

“***IV – Azzjoni ad hoc***

“Izda l-attrici tikkontendi li kull pretensjoni li se mai jista' jkollu l-konvenut kontra taghha jiffurmaw meritu ta' kawza ohra separata u ma tistax tizi sollevata ***per via di eccezzione*** tal-konvenut izda b'kawza appozita istitwita mill-konvenut. Il-qrati taghna dejjem irritenew fuq kawzi

dwar nullita` u annullabilita` li fl-ewwel kaz wiehed jista' jissolevaha b'eccezzjoni waqt li fit-tieni kaz b'kawza ***ad hoc.*** Fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Joseph Bajada vs Pauline Lumb** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru 1995, il-Qorti ordnat is-soprasessjoni tal-kawza sabiex il-konvenuta tiddeduci quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni relattiva ghall-annullament tal-att imsemmi ghax hasset li:

""hija gurisprudenza kostanti, li meta l-kwistjoni hija ta' nullita`, il-konvenut jista' f'kawza jaghtiha b'eccezzjoni, imma jekk il-kwistjoni hija wahda ta' annullabilita` ma tistax tingieb 'il quddiem hlief b'azzjoni ***ad hoc***."

"Ara f'dan is-sens **Vassallo vs Caruana Montalto** 23/10/01, Prim Awla; **Tabone vs Mifsud**, 15/02/54, Appell Civili Superjuri; u Vol VII p849; Vol XVI PII pt 2; Vol XXVII PII p262; Vol XLIX PII p826.

"Il-Baudry-Lacantinerie jghid hekk:

""Per tanto essa genera un' azione di nullita`, in seguito alla quale il contratto dovra` cadere. Il-contratto notiamolo, non e` inesistente, ma soltanto annullabile."

"Bl-istess mod fil-kaz odjern jekk l-intimat ghandu xi drittijiet kontra l-attrici [u dwar dan din il-qorti mhux sejra tispecifika oltre ghar-ragunijiet ovvji] dawn iridu jigu istitwiti b'kawza ***ad hoc.***

"Dak li ghandha quddiema l-qorti hija t-talba attrici ghal dikjarazzjoni li l-proprjeta` legittima ta' nofs indiviz tal-fond 3, St. Angelo Street, kantuniera ma' Carmel Street, San Giljan, kif soggetta ghall-utile dominju temporanju, u l-ambjenti li jaghmlu mieghu jappartjenu lill-attrici, u l-konsegwenti r-rilaxx fi zmien qasir u perentorju tal-pussess assolut u inkondizzjonat ta' l-istess proprjeta` favur l-attrici. Hemm fl-ahhar it-talba okkorrendo ghal nomina ta' nutar biex jippubblika l-att opportun u kuraturi ghall-kontumaci fuq l-istess att. Wara li gew michuda l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, il-qorti thoss li ghandha tilqa' t-talbiet attrici fis-sens li Giovanni Saliba ma kellux id-dritt

li jittrasferixxi dak li ma kienx tieghu izda ta’ l-attrici; tiddikjara lill-attrici bhala propjetarja ta' nofs indiviz tal-fond 3, St. Angelo Street, kantuniera ma' Carmel Street, San Giljan, kif soggetta ghall-utile dominju temporanju, u l-ambjenti li jaghmlu mieghu.”

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Joseph Degiorgio u l-l-istess Joseph Degiorgio bhala kuratur biex jirrapprezenta l-wirt tal-mejjet Giovanni Saliba biss limitatament pero` ghal dak li jirrigwarda l-interess guridiku li l-imsemmi Giovanni Saliba seta’ kellu fil-kawza odjerna li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab lil din il-Qorti:
“... ... ... tirrevoka u thassar is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta’ Mejju 2005 fuq l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti bazati fuq l-Artiklu 2140 u 845 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll bis-sentenza tal-20 ta’ Novembru 2006 moghtija mil-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn laqghet it-talbiet attrici u cahdet it-talbiet tal-konvenuti, billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-appellant u tichad it-talbiet tal-appellata fl-intier taghhom, bi spejjez kontra l-istess appellata.”

Rat ir-risposta tal-appell tal-attrici tad-19 ta’ Dicembru 2006 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet illi l-aggravji sollevati mill-konvenuti appellanti ghandhom jigu michuda u s-sentenzi moghtija mill-ewwel Qorti jigu kkonfermati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

In succint, din hi kawza fejn l-attrici qed tittenta timpunja att li bih missierha (Giovanni Saliba) biegh fond li tieghu hi ghandha sehem (in segwitu ghall-mewt ta’ ommha Dolores Saliba) lill-konvenut Joseph Degiorgio u dan minghajr il-kunsens u ad insaputa taghha. Giovanni Saliba, akkwista l-fond meritu ta’ din il-kawza b’kuntratt tat-30 ta’ April, 1963 fiz-zmien li martu kienet ghadha hajja

u kien jopera bejn il-konjugi r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti. Omm l-attrici, Dolores, mietet fis-16 ta' Gunju, 1982, u skond it-testment taghha ('unica charta' fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino tat-28 ta' Ottubru, 1959) halliet bhala werrieta taghha lil zewgha Giovanni; l-attrici, ghalhekk, bis-sahha tal-operat tal-ligi, wirtet sehem mill-gid ta' ommha, inkluz ta' dan il-fond. B'kuntratt tas-16 ta' Ottubru 1986, missierha Giovanni biegh il-fond kollu lil Joseph Degiorgio. L-attrici resqet din il-kawza kontra missierha u x-xerrej u qed titlob li tirrivendika sehemha mill-fond peress li l-bejgh sar, in parti, minn min ma kienx sid.

Gara, pero`, li ftit wara li nfethet il-kawza u precizament fl-10 ta' Dicembru, 2001 (il-kawza kienet infethet fis-6 ta' Novembru, 2001), miet missier l-attrici, u b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin tal-25 ta' Gunju, 1996, kien innomina bhala eredi universali tieghu lil bintu l-attrici. Din, kif stqarret hi stess meta xehdet fis-seduta tad-9 ta' Novembru, 2005 (fol. 173), quddiem l-ewwel Qorti, accettat bla rizervi l-eredita` ta' missierha.

Fid-dawl ta' dan l-izvilupp, il-konvenut Degiorgio eccepixxa li l-attrici ma kienx ghad fadlilha interess guridiku tkompli bil-kawza, u dan fid-dawl tal-principju li "l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha" – "Formosa Gauci v. Lanfranco", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2003. L-ewwel Qorti, avolja konxja minn dan il-principju, cahdet l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku wara li osservat li l-attrici "ghandha interess attwali li kien jezisti meta giet proposta l-kawza".

Ghalkemm il-konvenut appella mis-sentenzi kollha tal-ewwel Qorti, inkluz fejn cahditlu l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni minnu sollevati, hu car li jekk jintlaqa' l-aggravju tieghu dwar il-karenza ta' interess guridiku, ma jkunx hemm ghalfejn li wiehed jidhol fl-aggravji l-ohra.

Trattat l-appell, il-Qorti tara li ghandha taqbel ma' l-argumenti tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' interess guridiku. Ghalkemm meta nfethet il-kawza, l-attrici seta'

kellha interess dirett u guridiku biex timpunja l-att ta' missierha, wara li miet missierha u hi bhala l-unici eredi tieghu, accettat il-wirt tieghu, dan l-interess spicca. Hu principju li l-eredi jkompli l-personalita` tad-*decujus*, u hu marbut bl-istess obbligazzjonijiet li jkun assuma d-*decujus* tul hajtu. La darba l-accettazzjoni tal-eredita` tkun bla riservi, il-persuna tal-mejjet tkompli fl-eredi li allura jkunu investiti fiha d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha li qabel kienu jifformaw parti mill-patrimonju tal-mejjet. Kif jghid **<u>Trabucchi</u>** ("Istituzioni di Diritto Civile", $29^0$ Ediz. 1988 pagna 833),
"La nomina dell'erede costituisce un esplicazione della personalita` del soggetto, il quale in tal modo dispone di quanto puo` sopravivere quasi in propria continuazione. Effettivamente, l'erede, prima di essere colui che riceve i beni del *de cuius* (come avviene anche per il legatario), e` il continuatore della personalita` del defunto. Con un giuoco di parole, si potrebbe dire che egli *ha* (riceve i beni del defunto) perche` e` l'erede; e cio` anche quando il criterio per la nomina si ricava dal lascito concreto in cui venne attuata la volonta` di attribuzione."

Bl-istess mod esprima d-duttrina l-**Professur V. Caruana Galizia** meta, fin-noti tieghu fuq is-suggett, osserva (f'pagna 1113) li, bhala effett tal-accettazzjoni tal-eredita` (jew ahjar tal-fatt li l-eredi vokat ma jirrinunjax ghall-wirt fil-forma li trid il-ligi),
"*(1) The heir acquires the whole of the property of the deceased, and assumes all his obligations: in other words, the estate of the deceased becomes the estate of the heir; and, therefore, the rights of the deceased as well as his debts become the rights and the debts of the heir.*

"*(2) A merger takes place between the estate of the deceased and that of the heir by virtue of which the debts existing between the heir and the deceased are extinguished.*"

Aktar 'l quddiem (f'pagni 1117 et seq), fil-waqt li l-**Professur V. Caruana Galizia** jelenka l-obbligazzjonijiet tal-eredi, josserva li:

"(1) *The heir is liable for all the debts and burdens of the inheritance;*

"(2) ***The heir is bound to respect any act which the deceased may have done, and may not impeach it except under the circumstances which would have entitled the deceased to do so.***

"(3) *The heir may not bring any claim or action against the inheritance, in view of the merger between his property and that of the deceased.*" (enfasi ta' din il-Qorti).

Fost l-obbligazzjonijiet ta' missier l-attrici, bhala venditur tal-fond in kwistjoni, huwa li jiggarantixxi lil Joseph Degiorgio fil-pussess liberu tal-fond minnu mibjugh, u bhala hekk garanti, kif jghid il-**Pacifici-Mazzoni** ("Istituzioni di Diritto Civile") "*il venditore medesimo deve astenersi da ogni fatto o pretesa che turberebbe il possesso del compratore o lo priverebbe dei vantaggi su quali questi ha diritto, considerando la destinazione della cosa comprata, e lo stato in cui si trovava al momento della vendita.*"

Din l-istess obbligazzjoni issa assumietha l-attrici u din ma tista' taghmel xejn li b'xi mod tiddisturba lix-xerrej fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu. Hi trid tirrispetta l-volonta` ta' missierha u l-garanzija li hu ta lix-xerrej fil-proprjeta` shiha tieghu u tara li hu jkompli jgawdi l-istess proprjeta` minghajr l-icken disturb.

Kwindi hu car li, wara l-mewt ta' Giovanni Saliba, u l-hatra tal-attrici bhala eredi universali tieghu, din il-kawza ma setghetx titkompla peress li fl-attrici spicca kull interess li seta' kellha ghall-prosegwiment taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut, kemm *proprio* kif ukoll *nomine*, billi tilqa' l-istess u thassar u tannulla z-zewg sentenzi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Mejju, 2005, u l-20 ta' Novembru, 2006, u tghaddi biex tichad it-talbiet kollha attrici.

Minhabba kif zvolgew l-affarijiet, l-ispejjez in prim istanzi relatati mas-sentenza tat-18 ta’ Mejju, 2005, jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, dawk relatati mas-sentenza tal-20 ta’ Novembru, 2006, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, waqt li dawk relatati mal-proceduri quddiem din il-Qorti ghandhom jithallsu mill-attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------